RIŻOLUZZJONI (UE) 2021/1591 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tad-29 ta' April 2021

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2019

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2019,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0089/2021),

A. billi, skont ir-rapporti tad-dħul u l-infiq tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (il-"Fondazzjoni") għas-sena finanzjarja 2019 kien jammonta għal EUR 20 546 000, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 2,00 % meta mqabbel mal-2018; billi l-baġit tal-Fondazzjoni huwa kompletament derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2019 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li l-Qorti kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2019 irriżultaw f'rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,96 %, li meta mqabbla mal-2018 tirrappreżenta żieda żgħira ta' 0,03 %; jieħu nota tal-fatt li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 95,91 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 2,16 % meta mqabbla mal-2018;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Fondazzjoni tuża ċerti miżuri bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex tivvaluta l-valur miżjud li jagħtu l-attivitajiet tagħha u miżuri oħra biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha, bħall-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, il-progress fl-iżvilupp tal-politika tal-pajjiż u l-pagamenti fil-ħin;

3. Ifakkar lill-Fondazzjoni tirrieżamina u taġġorna regolarment is-sistema ta' kejl tal-prestazzjoni u l-KPIs tagħha biex tiżgura l-kontribut effiċjenti u l-għarfien espert tagħha fil-livell tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Fondazzjoni tanalizza l-eżiti tagħha bir-reqqa u tużahom biex ittejjeb l-ippjanar tal-istrateġiji u tal-attivitajiet tagħha;

4. Jilqa' l-ħidma tal-Fondazzjoni fl-appoġġ tar-riforma tat-taħriġ vokazzjonali fil-pajjiżi ġirien tal-Unioni, fil-pajjiżi tat-tkabbir u fil-pajjiżi tal-Asja ċentrali billi tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' diversi programmi ta' taħriġ vokazzjonali; jilqa' b'mod partikolari l-inizjattiva tal-Fondazzjoni "Skills for Enterprise Development" (Ħiliet għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi) li tindirizza l-ħtieġa ta' adattament u titjib tal-ħiliet biex b'hekk l-intrapriżi jkunu jistgħu jirreaġixxu għall-isfidi u jimmaniġġjawhom, inklużi dawk li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19, u jikkontribwixxu għal soċjetajiet aktar ekoloġiċi, aktar inklużivi u aktar innovattivi, u jilqa' wkoll l-enfażi tal-Fondazzjoni fuq il-kisba tal-inklużjoni soċjali permezz tal-edukazzjoni u t-tagħlim, b'mod partikolari d-dokument ta' ħidma tagħha dwar it-taħriġ u l-appoġġ għall-intraprenditorija tan-nisa skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi III 2021-2025 spjegat fil-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2020;

5. Japprezza l-fatt li l-Fondazzjoni hija l-unika aġenzija tal-Unjoni b'mandat li taħdem barra mill-Unjoni biex tappoġġja l-azzjoni esterna tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, il-ħiliet u s-sistemi tas-suq tax-xogħol u l-iżvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi sħab tal-Unjoni, bil-għan li jittejbu l-impjegabilità u l-prospetti ta' impjieg taċ-ċittadini ta' dawk il-pajjiżi; f'dak il-kuntest, jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi umani u finanzjarji adegwati li jippermettu lill-Fondazzjoni tkompli timplimenta l-programm ta' ħidma tagħha b'rata għolja ħafna ta' tlestija tal-attivitajiet;

([1]) ĠU C 120, 29.3.2019, p. 20

6. Jinnota li l-Fondazzjoni kisbet rata ta' tlestija tal-attivitajiet ta' 91 % b'rata ta' tlestija f'waqtha ta' 85 %, u li, fir-rigward tal-15-il indikatur ewlieni tal-prestazzjoni, hija rnexxielha tilħaq il-miri tagħha għal 14 minnhom;

7. Jinnota li fl-2019, il-bord tat-tmexxija adotta strateġija ġdida li tiddefinixxi viżjoni li timmassimizza l-utilizzazzjoni tal-għarfien u l-esperjenza tal-Fondazzjoni fil-kuntest tal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni biex ittejjeb l-iżvilupp tal-kapital uman b'enfasi fuq it-twettiq tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzonijiet Uniti u l-prijoritajiet għar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni;

8. Jilqa' l-kollaborazzjoni tajba maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA); iħeġġeġ lill-Fondazzjoni tkompli tfittex b'mod attiv li tkabbar u twessa' l-kooperazzjoni biex tiżviluppa s-sinerġiji tagħha, tikkondividi l-għarfien u tiskambja l-prattiki tajba ma' aġenziji oħra tal-Unjoni bl-għan li ttejjeb l-effiċjenza (ir-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà);

9. Jisħaq fuq l-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-Fondazzjoni f'dawk li huma operazzjonijiet interni u proċeduri ta' ġestjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Fondazzjoni tkompli tkun proattiva f'dak ir-rigward sabiex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-aġenziji tal-Unjoni; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-sigurtà online tal-informazzjoni pproċessata;

Politika dwar il-persunal

10. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2019, 100 % tat-tabella tal-persunal ġie implimentat, u nħatru 86 aġent temporanju mit-total ta' 86 aġent temporanju awtorizzat skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel mas-86 post awtorizzat fl-2018); jinnota li, barra minn hekk, 41 aġent kuntrattwali ħadmu għall-Fondazzjoni fl-2019 u li ma kien hemm l-ebda espert nazzjonali sekondat;

11. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Fondazzjoni rrappurtat li kienet kważi laħqet bilanċ bejn il-ġeneri fost il-maniġment superjuri (3 irġiel u 2 nisa) u fil-bord tat-tmexxija (13-il raġel u 15-il mara);

12. Jilqa' l-fatt li l-Fondazzjoni għandha fis-seħħ għadd ta' miżuri kontra l-fastidju u li fl-2019 il-Fondazzjoni adottat politika ġdida dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persunal;

13. Iħeġġeġ lill-Fondazzjoni ttejjeb il-bilanċ ġeografiku tal-persunal tagħha, inkluż fil-livell ta' maniġment intermedju u f'dak ta' maniġment superjuri, sabiex ikun hemm rappreżentanza xierqa ta' ċittadini mill-Istati Membri kollha, li tirrifletti d-diversità tal-Unjoni, kif indikat fl-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali;

14. Iħeġġeġ lill-Fondazzjoni timmira li tiżviluppa qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri, it-telexogħol, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

15. Jinnota l-miżuri eżistenti tal-Fondazzjoni u l-isforzi kontinwi biex tiżgura t-trasparenza, tipprevjeni u tiġġestixxi l-kunflitti ta' interess, u tipproteġi l-informaturi; jinnota b'sodisfazzjon li d-dikjarazzjonijiet ta' interess u s-CVs tal-Bord tat-Tmexxija u tal-maniġment superjuri ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Fondazzjoni; jinnota li fl-2019 il-Fondazzjoni identifikat kunflitt potenzjali ta' interess fi ħdan proċedura ta' selezzjoni u li d-direttur ħa d-deċiżjoni li jimmodifika l-kompożizzjoni tal-bord ta' valutazzjoni tas-selezzjoni kif xieraq; jinnota li l-Fondazzjoni għandha każ wieħed li għadu għaddej ta' żvelar ta' informazzjoni protetta u li qed jittieħdu azzjonijiet konsegwenzjali fil-kuntest ta' proċediment dixxiplinari; jistieden lill-Fondazzjoni tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar;

16. Jinnota l-kontinwazzjoni tal-passi li ttieħdu biex tittejjeb it-trasparenza tal-attivitajiet tal-Fondazzjoni billi jiġu rrappurtati l-laqgħat li l-persunal tal-Fondazzjoni jkollu mal-partijiet ikkonċernati esterni, b'mod partikolari l-laqgħat tad-direttur mal-organizzazzjonijiet u l-individwi li jaħdmu għal rashom, u d-disponibilità tagħhom fuq is-sit web tal-Fondazzjoni;

Akkwist

17. Huwa sodisfatt li l-Fondazzjoni aġixxiet fuq il-maġġoranza tal-osservazzjonijiet magħmula mill-awtorità ta' kwittanza fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza tal-2018 iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għad trid tieħu azzjoni biex twieġeb għall-osservazzjonijiet tal-Qorti rigward l-elementi tal-prezz mhux kompetittivi fil-kriterji għall-għoti; jinnota li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-proċedura ta' akkwist li permezz tagħha ħames ħaddiema interim ħadmu għall-Fondazzjoni wasslet għall-għoti tal-kuntratt bl-aħjar valur meta mqabbel mal-prezz; jaqbel mal-osservazzjoni tal-Qorti f'dak ir-rigward li l-Fondazzjoni għandha tuża kriterji ta' għoti li jiffokaw fuq l-elementi kompetittivi tal-prezz; jinnota li fir-risposta tal-Fondazzjoni hija tirrikonoxxi bis-sħiħ il-kwistjoni u li għandha l-ħsieb li għall-proċedura ta' akkwist li jmiss għall-ħaddiema interim, hija tinkludi elementi kompetittivi tal-prezzijiet fil-kriterji għall-għoti;

Kontrolli interni

18. Jinnota li s-servizz tal-awditjar intern (IAS) ħareġ rakkomandazzjoni waħda importanti ħafna u ħames rakkomandazzjonijiet importanti fl-2019, bħala riżultat tal-awditu tal-IAS dwar "il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-etika fil-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ" (HR management and ethics in the ETF); jinnota li l-IAS għalaq formalment żewġ rakkomandazzjonijiet, fi Frar 2020 u f'Settembru 2020; jinnota, f'dak ir-rigward, li l-Fondazzjoni implimentat rakkomandazzjoni li ġiet ikklassifikata bħala "importanti ħafna" u azzjonijiet biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li fadal, sakemm isir ir-rieżami u l-għeluq formali mill-IAS;

19. Jinnota li l-2018 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tas-17-il prinċipju ta' kontroll intern tal-Fondazzjoni; jinnota li r-riżultati tal-valutazzjoni annwali tal-prinċipji ta' kontroll intern għall-2019 kienu pożittivi, u 16-il prinċipju mis-17-il prinċipju ġew ivvalutati li kienu qed jiffunzjonaw tajjeb jew li kienu jeħtieġu biss titjib minuri; jistieden lill-Fondazzjoni tirrapporta b'mod ulterjuri lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda biex ittejjeb is-sitwazzjoni;

20. Jinnota, fir-rigward tal-azzjonijiet ta' segwitu għall-kummenti tal-Parlament fil-kuntest tal-kwittanza tal-2018, li f'dik is-sena twettqet evalwazzjoni esterna tal-aġenziji tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-mandat tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DĠ EMPL), jiġifieri l-Fondazzjoni, Cedefop, Eurofound u EU-OSHA, f'isem il-Kummissjoni fir-rigward tar-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tagħhom fil-livell tal-Unjoni, li kkonkludiet li l-approċċ ta' ġestjoni tar-riskju fil-Fondazzjoni huwa konformi ma' dak ta' aġenziji oħra u jippermetti kontroll komprensiv u konsistenti fuq ir-riskji potenzjali; jinnota li l-azzjonijiet miftuħa kollha huma ppjanati li jitlestew sa Marzu 2021; jistieden lill-Fondazzjoni tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar;

21. Jinnota li l-Fondazzjoni żiedet il-preżenza tal-midja soċjali tagħha mmirata lejn il-pubbliku ġenerali fuq kanali tal-midja differenti u li introduċiet ukoll pjattaforma ġdida għall-kondiviżjoni tal-għarfien li tgħin biex jintlaħaq l-objettiv strateġiku li tkun ċentru tal-għarfien globali għall-politiki tal-ħiliet u tal-impjiegi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'dawk li jinsabu fi tranżizzjoni; ifakkar fl-importanza li tkompli tiżviluppa viżibilità akbar fil-midja, fl-internet u fuq il-midja soċjali sabiex ixxandar xogħolha;

22. Jinnota l-fatt li l-evalwazzjoni trażversali tal-aġenziji tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-mandat tad-DĠ EMPL issuġġeriet għadd ta' rakkomandazzjonijiet għal kull waħda mill-aġenziji, iżda li l-ebda waħda minnhom ma kienet teħtieġ bidliet leġiżlattivi jew il-fużjoni jew il-kolokar tal-aġenziji;

23. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 ([2]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([2]) Testi adottati, P9_TA(2021)0215.